



Brussell, 7 ta' Jannar 2026
(OR. en)

9425/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0089(NLE)

ACP 35
WTO 50
RELEX 659
COAFR 112
FDI 16

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment
stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/829¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Settembru 2024.
- (2) Skont l-Artikolu 45(1) tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment (il-“Kumitat”) għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fejn previst fil-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 44(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għandu jadotta fl-ewwel laqgħa tiegħu r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, peress li dawk ir-Regoli ta’ Proċedura huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-Kumitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/829 tal-4 ta’ Marzu 2024 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (ĠU L, 2024/829, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/829/oj>).

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment (il-“Kumitat”) għandha tkun ibbażata fuq it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
